MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru. 1063/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Edgar Publio Bonnici**

Kumpilazzjoni Nru: 1063/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Edgar Publio Bonnici ta' 58 sena, iben Henry u Emma nee' Cachia, imwieled Hamrun, fit-28 ta' Lulju 1950, residenti fi 'Frida', 121, Flat 2, Triq in-Naxxar, Birkirkara u dententur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 632650(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2008 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Rita Borg mill-Kappara;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tleitn centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Rita Borg mill-Kappara;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat falza;

Kif ukoll talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 13 ta' Mejju 2008.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikoli 18, 308, 309, 293, 184, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni.

Rat l-atti processwali inkluz n-nota ta’ sottomissjonijiet ta’l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. L-imputat huwa ir-ragel tan-neputija ta’ certa Rita Borg; ghal diversi snin hu kien jghin lil din Rita Borg f’xi bzonnijiet taghha. Ghalkemm mhux biss f’hekk, l-ghajnuna li kien jghati l-imputat lil Borg kienet tikkoncerna hlas ta’ kontijiet.

Illi Rita Borg xehdet. Hija spjegat li qatt ma tat prokura lill-imputat; il-kontijiet bankarji taghha kienu kollha f’isimha kif ukoll ic-cekk books relattivi. Li kien jigri kien li meta tircievi xi kont kienet tghaddih lill-imputat u kienet tiffirmalu cekk biex imbaghad hu jimla c-cekk u bih ihallas dak il-kont. Borg tghid li hija kienet tghix bil-flus tal-pensjoni u xi imghaxxijiet li kienet tircievi. Dawn (kemm il-pensjoni kif ukoll l-imghaxxijiet) kienet tircivihom permezz ta’ cekkijiet u kienet tmur hi personalment il-bank biex issarrafhom. Borg tghid ukoll li hi qatt ma talbet lill-imputat biex jaghmel xi cekk f’ismu biex isarrfu u jghiddilha l-ammont ekwivalenti fi flus kontanti.

Illi Borg kompliet tispjega li hi kellha fiducja shiha f’l-imputat u qatt ma kkontrollat l-operat tieghu; la kienet ticcekkja c-cekkijiet li kienet tiffirmalu, u lanqas kienet ticcekkja l-mamma tac-cekkijiet. Gara li fis-sena 2008 Rita Borg kellha bzonn tigi rikoverata l-isptar u hasset li kellha bzonn tinnomina prokuratur li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha u li jkun jista jaqdiha anke meta hija tkun rikoverata. L-imputat ma kienx jidhol l-isptar u Borg kellha bzonn lil xi hadd li jmur anke l-isptar, ghalhekk hija inkarigat lil certu John Pullicino bhala prokuratur taghha.

Illi meta nghata l-prokura Pullicino beda jigbor id-dokumenti relattivi ghall-assi ta’ Borg u beda jinnota xi diskrepanzi; ghalhekk intalbet informazzjoni mill-banek u minn hemm gie notat li kien hemm numru ta’ cekkijiet mahruga f’isem l-imputat u li uhud minn dawn ic-cekkijiet ma kienux iffirmati minn Rita Borg ghalkemm il-firma fuq ic-cekkijiet kienet tindika l-isem “Rita Borg”. In oltre gie

notat ukoll li kien hemm cekkijiet mahruga ghal ammont meta fil-mamma tac-cekk relattiv kien tnizzel ammont ferm izghar.

Illi b'kollox jirrizulta li nhargu tlettin cekk f'isem l-imputat ghall-ammont globali ta' tnejn u ghoxrin elf disa' mija u sebgha Euro u hamsa u tletin centezmu (€22,907.35)[1]. Dawn ic-cekkijiet inhargu minn kontijiet mal-Mid-Med Bank u HSBC Bank Malta plc, mal-Bank of Valletta plc u mal-APS Bank Ltd fuq perjodu ta' ftit aktar minn sentejn u cioe bejn l-24 ta' April 2006 u 12 ta' Gunju 2008. Minn dawn ic-cekkijiet jirrizulta li tlettax ghandhom firma falsifikata[2]. Dawn it-tlettin cekk kollha ssarfu mill-imputat.

Illi fattur iehor relevanti f'din il-kawza huwa li Rita Borg kienet mara anzjana, xebba, li kienet qed tbaghti minn cancer; hija mietet fil-mori ta' dawn il-proceduri (f'l-14 ta' Gunju 2009) meta kellha 75 sena.

Illi dawn il-fatti jirrizultaw ampjament mill-provi tal-prosekuzzjoni u mir-rapport ta' l-espert kaligrafu.

Illi l-imputat, minbarra li rrilaxxja stqarrijha, ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi l-imputat jghid li dejjem kienet Rita Borg li kienet tiffirma c-cekkijiet li huwa sarraf[3] u li c-cekkijiet mahruga f'ismu saru biex huwa jsarrafhom u jghaddi l-ammont ekwivalenti lil Rita Borg fi flus kontanti. Huwa jammetti ukoll li Rita Borg kienet tafdah, tant li ma kienet ticcekkja xejn u thalli kollox f'idejh.[4]

Illi l-imputat ressaq ukoll xhiedha biex jattestaw ghall-karattru integru tieghu, kif ukoll xhieda li permezz taghhom prova jitfa' dell fuq il-karattru ta' Rita Borg u l-istabilita mentali taghha u li permezz taghhom ukoll prova jikkorrobora l-allegazzjoni tieghu dwar l-influenza

[1] Total ta' Lm7133.83 ekwivalenti ghal €16617.35 u €6290

[2] Mill-kont numru 751260636 mal-Mid-Med Bank dawk bin-numri 66, 67, 70, u 71; mill-kont numru 75023978001 ma'l-HSBC Bank dawk bin-numri 128, 133, 177, 202, 206 u 207; u mill-kont numru 16703908105 mal-Bank of Valletta dawk bin-numru 91, 92, u 94.

[3] Ref it-tieni faccata ta'l-istqarrija t-tielet twegieba mill-ahhar tal-pagna (fol 43)

[4] Ref l-ahhar parti tad-depozizzjoni qabel il-kontro-ezami (fol 142)

manipulattiva ta’ l-imsemmi John Pullicino fuq Rita Borg. L-imputat prova jimplika ukoll li l-chemoterapy li kienet qed tissottoponi ghaliha kienet qed tinfluwixxi fuq is-sahha mentali taghha.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-istabbilita mentali ta’ Rita Borg l-Qorti tirrileva li hija kellha l-opportunita taraha u tismaghha meta tat id-depozizzjoni taghha u anke sarilha il-kontroezami. Dak li rat il-Qorti kienet mara kwieta, trankwilla u serena (u dan minkejja l-marda kiefra li kienet hakmietha u minkejja li hija kienet taf li ma tantx kien baqalha hajja); mara kompletament koerenti u cara f’dak li kienet qed tghid u taghmel.

Illi din l-impressjoni li hadet l-Qorti hija fil-fatt korroborata mic-certifikati psikjatrici li huma anessi ma’ uhud mit-testmenti esebieti min-Nutara mharrka bhala xhieda in difeza.

Illi in oltre m’hemm lanqas l-icken dubbju dwar kemm kienet konsistenti Rita Borg f’dak li allegat fil-konfront ta’l-imputat u dwar il-fatti tal-kaz. Hija tat il-verzjoni taghha lill-pulizija u mbaghad lill-Qorti, naturalment f’okkazzjonijet differenti. Hi baqghet dejjem konsistenti f’dak li qalet. Il-konsitenza tal-verzjoni taghha tispikka b’mod partikolari fil-fatt li almenu f’dawn iz-zewg okkazjonijiet separati, wara ezami taghhom, identifikat l-istess firem bhala dawk li ma kienux taghha. Hija mbaghad giet konfortata fil-verzjoni taghha mill-konkluzjonijiet ta’ l-espert kaligrafu li ikkonferma dak li allegat Borg.

Illi in vista ta’ dan u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li l-Qorti kellha l-opportunita tara l-komportament kemm ta’ Rita Borg kif ukoll ta’ l-imputat waqt li taw id-depozizzjoni taghhom, m’ghandha l-ebda ezitazzjoni li taghti kredibilita lill-verzjoni mghotija minn Rita Borg f’l-intier taghha.

Illi dwar l-influenza li seta’ kellu John Pullicino fuq Borg il-Qorti tirrileva li dak li huwa in ezami f’dawn il-procedura

huwa dak li ghamel jew m'ghamilx l-imputat u mhux dak li setghu ghamlu terzi persuni.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali ir-reati addebietati lill-imputat huma tlieta: truffa u/jew frodi innominata, misappropjazzjoni, u uzu ta' dokumenti foloz.

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ai termini ta' l-artikolu 308 u/jew 309 tal-Kapitilu 9 tal-Ligijiet ta' Malta cioe truffa u/jew frodi innominata. Id-differenza bejn r-reati ipotizzati f'dawn l-artikoli, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew  qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[5].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[6]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

[5] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[6] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[7].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[8]*.*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament li Rita Borg kienet tinkariga lill-imputat biex ihallsieha xi kontijiet; kif fuq spjegat hija kienet tghaddi kont lill-imputat li da parti tieghu kien jghaddielha cekk (minn kont ta' Borg stess) u tiffirmah; kien l-imputat li kien jimla l-kumplament tac-cekk. L-intendiment da parti ta' Rita Borg kien li l-imputat uza dak ic-cekk biex ihallas kont specifiku; l-imputat pero kien jimla c-cekk billi jaghmlu pagabbli ghal ammont ferm akbar mill-kont in kwistjoni u di piu kien jaghmlu pagabbli lilu stess. Ma kien isir l-ebda diskors bejn l-imputat u Rita Borg dwar kif kien ser jimtela c-cekk.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-agir ta'l-imputat ma jikkostitwiex il-messa in xena kif hawn fuq deskritta u konsegwentement ma tirrizultax l-imputazzjoni ta' truffa, imma certament jirrizulta r-reat minuri ta' frodi innominata. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat in kwantu tirreferi ghal dan ir-reat ta' frodi innominata tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' misapropjazzjoni.

---

[7] Op cit pagna 357
[8] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

Illi jirrizulta mill-provi li Rita Borg kienet tafdah lill-imputat u hija qatt ma kienet ticcekkja l-operat tieghu. Fil-fatt kien ghalhekk li hija kienet tiffirma c-cekkijiet qabel ma jimlihom jew jekk ikunu miktuba ma kenitx ticcekkja x'kien hemm miktub. Kif diga ntqal gara pero li l-imputat minflok uza ic-cekkijiet biex ihallas il-kontijiet li kienet tghaddielu Borg kien uzahom biex jizbanka ammonti konsiderevoli mill-kontijiet ta' Borg. Il-flus zabankati kien uzahom ghal skopijiet tieghu.

Illi kif kellha okkazjoni tghid il-Qorti ta' l-Appell Kriminali

"*l' appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede*.
L-istess Qorti irribadiet li jissussisti r-reat ta' l-appropjazzjoni indebieta fejn si tratta ta' ksur jew vjolazzjoni tal-fiducja mqeghda jew murija f'l-agent mill-mandanti[9].

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li l-uzu li ghamel mic-cekkijiet (u l-flus lil dawn kienu jirraprezentaw malli Borg iffirmathom in bjank) ma kienx dak intiez fil-mandat lilu mghoti minn Rita Borg; konsegwentement it-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata ukoll.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik ta' uzu ta' dokumenti foloz.

Illi jirrizulta ampjament li numru ta' cekkijiet mahruga minn kontijiet bankarju ta' Rita Borg, miktuba mill-imputat u msarrfa minnu ukoll, ma kellhomx il-firma ta' Rita Borg. Tenut kont li kull meta Rita Borg iffirmat xi cekk biex tghaddih lill-imputat dan hija ghamlietu f' darha u fil-prezenza ta' l-imputat il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat kien jaf li dawk ic-cekkijiet ma kienux iffirmati minn Rita Borg pero huwa xorta uzahom b'vantagg illecietu ghalih. Din it-tielet imputazzjoni ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Illi jirrizulta ampjament ukoll li l-ammont mehud mill-imputat jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u

[9] Ref Pulizija vs John Bamber 08.06.2001

sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghalhekk ghandu japplika fil-konfront ta’ l-imputat l-dak predispost f’l-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi.

Illi r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati serji minnhom infishom u huma punibbli bi prigunerija. Bhal hafna kazijiet ohra anke f’dawn it-tipi ta’ reati l-prigunerija tista’ tigi imposta b’mod effettiv jew tista’ tigi sospieza. F’dawn it-tipi ta’ reati wiehed (pero mhux biss) mill-fatturi li jista jittiehed in konsiderazzjoni f’ezami biex jigi stabbilit jekk il-piena ta’ priguneija ghandhiex tkun effettiva jew sospieza huwa l-possibilita reali li l-imputat ihallas lill-vittma, u x’impatt jista’ jkollha piena karcerarja effettiva fuq din il-possibilita.

Illi sfortunatament Rita Borg mietet fil-mori tal-proceduri u ghalhekk kwalunkwe provvediment li tista’ tiehu l-Qorti bhala alternattiva ghal piena karcerarja effettiva, biex tassigura li Borg tithallas dak dovuta lilha, mhux ser ikollu l-effett normalment mixtieq u mhux ser ikun qed iservi l-iskop tieghu.

Illi kif diga ntqal, Rita Borg, l-vittma f’dan il-kaz kienet mara anzjana li tghix waheda di piu marida b’cancer u li kellha fiducja ghamja f’l-imputat. L-imputat pero ghazel illi jabbuza din il-fiducja f’perjodu ta’ hajjietha meta Rita Borg kienet l-aktar vulnerabbli. Dawn ic-cirkostanzi, cioe l-abbuz u sfruttament ta’ persuni anzjani da parti tal-persuni l-aktar vicin taghhom u li jgawdu l-fiducja assoluta ta’ dawk l-anzjani, f’l-opinjoni ta’ din il-Qorti jirrendu r-reati in ezami, odjuzi min-natura taghhom, ferm aktar odjuzi u assolutament inaccettabbli.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 184, 293, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat ta’ truffa kontemplat f’l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tilliberah minnha, ssib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni in kwantu

tirreferi ghar-reat minuri ta’ frodi innominata kontemplat f’l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 u ssibu hati ukoll tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------